Laqgħa b' Urġenza Reġjun Port - Nu 08/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju 2022

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Zoom

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Skużat |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominc Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Skużat |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Preżenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**8.1 Uffiċjal Maniġerjali – Immaniġjar tal-Iskart**

8.1.1 Il-President beda l-laqgħa billi irringrazzja lil dawk preżenti li f' ħin qasir sabu iċ-ċnas li jattendu għal din il-alqgħa b' urġenza. Il-President żied li jinstab diżappuntat li xi persuna/i li kienu preżenti fil-laqgħa tar-Reġjun Nu 7 li nżammet jum qabel, mar jinforma lid-Diviżjoni bit-terminazzjoni tal-Uffiċjali responsabbli mill-Immaniġjar tal-Iskart qabel l-istess deċiżjoni ma kienet għada ġiet ikkomunikat ma' l-istess Uffiċjal. Il-Presiden talab il-kunfidenzjalita' f' dak kollu li jingħad waqt il-laqgħat dan biex kulħadd ikunliberu li jesprimi ruħu mingħajr biża' li dak li ser jgħid ser jitwassal għand terzi. Semma li dak mitkellem fil-laqgħa jkun kollu fil-minuti u għaldaqtant wieħed m' għandux jikser il-kunfidenzjalita' billi jmur jinforma terzi appena laqgħa tkun għada kemm spiċċat.

8.1.2 Il-President informa li hekk kif is-Segretarju Eżekuttiv infurmat permezz ta' korrispondenza lill-Uffiċjal b' din id-deċiżjoni ta' terminazzjoni, l-Uffiċjal mar jgħaddi lis-Segretarju Eżekuttiv kopja taċ-ċertifikat mediku li kien ikopri it-22 u 23 ta' Ġunju 2022 kif ukoll riżenja formali mill-impjieg datata 23 ta' Ġunju 2022. Għaldaqtant it-tkeċċija u r-riżenja seħħew fl-istess data. Il-President spjega li s-Segretarja infurmat lill-President b' dan kollu u infurmatu li kellha tissejjaħ laqgħa b' urġenza sabiex:

- Jew ir-Reġjun jibqa' jsostni il-pożizzjoni li ħa waqt il-Laqgħa Nu. 7 li dan l-impjegat għandu jiġi itterminat
- Jew li tiġi revokata d-deċiżjoni ta' tkeċċija u tiġi aċċettata r-riżenja formali tal-impjegat.

8.1.3 Il-President spjega li minkejja huwa jaqbel mad-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat fil-laqgħa Nu 7, sabiex ma sirx ħsara lill-individwu u anki b' sens ta rieda tajba huwa qed jipproponi li l-Kumitat jirrevoka d-deċiżjoni ta' tkeċċija u jilqa' r-riżenja formali tal-impjegat. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Domnic Grima, il-Kumitat approva li jaċċetta r-riżenja formali tal-impjegat.

8.1.4 Is-Sur Jorge Grech xtaq jagħmel punt li peress li huwa astjena waqt il-vot ta' terminazzjoni ta' dan l-impjegat huwa għamilha ċara u assigura lil kulħadd li ma tkellem ma' ħadd fuq dak li kien ġara.

Il-laqgħa aġġornat għall-ħabta ta' sitta u kwart ta' filgħaxija.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv